MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 231/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Emanuel Bugeja (K.I. nru: 291364M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn u Euro u sitta u sittin centezmu (€2,001.66) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax ulterjuri mill-5 ta' Frar 2009.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u Euro u sitta u sittin centezmu (€2,001.66) bl-imghax ulterjuri kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------